**<u>Minuti tad-39 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>**

Id-39 laqgħa tal-Kumtitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Ħamis 11 ta' April, 2013 fis-5:40 ta' filgħaxija.

<u>Item 1- Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Mario Bartolo. Is-Sur Luciano Farrugia kien skużat.

<u>Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tat-38 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista.

<u>Item 3 - Mistoqsijiet u Affarjiet mill-Minuti</u>

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarjiet mill-minuti.

<u>Item 4- Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Tenerly Bianco dwar il-ħtieġa li ssir bankina quddiem ir-residenza tagħha fi Triq San Leonardu. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament li din il-bankina ssir flimkien ma' bankini oħra li l-Kumitat Amministrattiv diġa qabel illi għandhom isiru.

<u>Item 5- Xoghol tal-Kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew mitfugħa għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb. Ġew mitfugħa erba' offerti, dik mingħand Central Asphalt Limited għall-prezz ta' €75,434.40, l-offerta mingħand Asfaltar Construction Limited għall-prezz ta' €92.976.60, l-offerta mingħand Vella Group Limited għall-prezz ta' €89,834.60 u l-offerta mingħand Polidano Bros Ltd għall-prezz ta' €98,128.40.

Inqara wkoll ir-rapport ta' aġġudikazzjoni kif imħejji mill-*Contract Manager* il-Perit William Lewis.

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista, il-Kumitat qabel unanimament li tintgħażel l-offerta mingħand Central Asphalt Ltd li kienet l-orħos offerta. L-ispiża għal dan ix-xogħol ser tinqasam ugwalment bejn il-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali.

<u>*Co-Option* ta' Membru Ġdid fil-Kumitat Amministrattiv</u>

Iċ-*Chairperson* qalet li peress illi s-Sur Joseph Agius kien irriżenja minn membru tal-Kumitat Amministrattiv wara li dan ġie elett bħala Kunsillier, u billi ma kienx hemm elezzjoni każwali biex timtela din il-vaganza, qed tressaq mozzjoni biex tipproponi li l-Kumitat Amministrattiv jikkoptja lis-Sur Simon Vella ta' Chateau Josimon, Triq Patri Feliċjan Grech, Ħaż-Żabbar (284491M) bħala membru fil-Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Norman Clews issekonda l-proposta taċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Clews talab li jiġu rranġati ħofor li hemm fi Triq San Leonardu u li huma ta' periklu għas-sewwieqa.

Is-Sur Bartolo talab li jsir tindif tal-bandli li hemm fi Triq l-Għakrux.

Is-Sur Bartolo fakkar dwar il-ħtieġa li tinżebaħ *stop sign* li hemm fi Triq il-Berebis.

Huwa talab ukoll li l-Kumitat jitlob lil Transport Malta li jiġi nfurmat dwar meta ser jinbeda x-xogħol ta' tarmak fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Bartolo qal illi qed jipproponi li jiġi organizzat *one day football tournament* fil-*pitch* sintetiku tal-bandli bħala parti mill-'Health Fest' li ser tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali nhar is-Sibt, 18 ta' Mejju, 2013. Is-Sur Clews issekonda l-proposta tas-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din il-kompetizzjoni sportiva.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-40 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson